# A2E Talba għal-Ħlas ta' Impjieg

**TALBA GĦAL-ĦLAS TA' IMPJIEG SUSSIDJAT TAĦT**

**L-ISKEMA TA' AĊĊESS GĦALL-IMPJIEGI (A2E)**

**1. Numru tal-*Grant Agreement***

| | |
|---|---|
| | /A2E |

**2. Sussidju mitlub f'din it-talba għal-ħlas**

| Numru tal-Pagament | Data Minn | Data Sa | Numru ta' ġimgħat* | Rata Fissa | Sussidju Dovut |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | € | € |

** Meħuda bħala ġimgħa tax-xogħol normali*

**3. Dokumenti li għandhom jiġu mehmuża ma' din it-talba**

- Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja (jekk applikabbli)

**4. Dikjarazzjonijiet – Intrapriża**

a. Jien nikkonferma u naċċetta li għall-finijiet u effetti kollha jiena l-persuna legali u awtorizzata maħtura mill-Intrapriża biex taġixxi f'isem l-intrapriża għall-fini ta' din l-iskema u se ninżamm responsabbli bis-sħiħ u personalment kemm lejn Jobsplus kif ukoll lejn l-Intrapriża.
b. Jiena hawnhekk niddikjara li l-paga tal-parteċipant tal-A2E u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għall-*Grant Agreement* msemmi fl-Artikolu 1 ta' din l-istqarrija jitħallsu bis-sħiħ skont id-dikjarazzjoni ta' min iħaddem li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u huwa ffirmat kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-impjegat.
c. Jiena hawnhekk nirrikonoxxi u naċċetta li jsiru verifiki ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw din id-dikjarazzjoni u l-veraċità tal-kontenut ta' din l-istqarrija.
d. Jiena hawnhekk nikkonferma u naċċetta li jekk wara l-verifiki li jitwettqu, xi parti tal-proċess tinstab li mhix konformi mar-regolamenti li jirregolaw din l-għotja, l-għotja kollha trid tingħata lura fuq talba sempliċi.
e. Nikkonferma bis-sħiħ ukoll u naċċetta li kull informazzjoni falza, mhux preċiża jew inkompleta pprovduta deliberatament bħala parti minn din it-talba, tirriżulta li l-Intrapriża tkun responsabbli għar-rifużjoni tal-ammont sħiħ tal-għotja riċevuta fir-rigward tal-*Grant Agreement* rispettiv.
f. Jiena hawnhekk niddikjara, naċċetta u nikkonferma li fl-operazzjoni li qed tibbenefika għal din l-għotja, l-Intrapriża stabbiliet is-salvagwardji meħtieġa biex tevita kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, età, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali kif imsemmi skont il-Kapitolu 452 u l-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
*"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"*
Għajnuna parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

g. Jiena hawnhekk niddikjara, naċċetta u nikkonferma li nissorvelja u nirrapporta minnufih lil Jobsplus kwalunkwe każ ta' diskriminazzjoni allegata, u li l-azzjoni xierqa kollha skont il-Leġiżlazzjoni Nazzjonali tiġi eżegwita mingħajr dewmien mill-Intrapriża.
h. Jiena hawnhekk niddikjara li l-ebda fondi investiti fl-operazzjoni mill-Intrapriża huma ta' oriġini illeċita, inklużi prodotti ta' ħasil tal-flus jew marbuta mal-finanzjament tat-terroriżmu.
i. Jiena hawnhekk nikkonferma li kwalunkwe miżuri ta' opportunitajiet ugwali u mhux diskriminatorji ddikjarati li huma fis-seħħ se jkunu disponibbli għal Jobsplus jew korpi kompetenti oħra fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-fondi tal-FSE biex jikkonfermaw il-veraċità tagħhom.
j. Jiena hawnhekk niddikjara, naċċetta u nikkonferma li l-operazzjoni, fejn applikabbli, tiżgura l-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u għandha l-għan li tippromwovi miżuri sostenibbli fil-livell operattiv.
k. Nirrikonoxxi l-obbligi ta' konformità mar-regolamenti tal-protezzjoni tad-data li huma fis-seħħ f'kull ħin. Jien nikkonferma li d-dokumentazzjoni relatata kollha għal din il-verifika eventwali tinżamm.
l. Jiena hawnhekk nikkonferma li l-impjegat kien infurmat dwar liema data personali qed tinġabar u tiġi pproċessata minn Jobsplus; kif ukoll maqsuma ma' partijiet terzi uffiċjali, għall-iskop ta' kwalunkwe proċessar relatat mal-Iskema tal-A2E.
m. Jiena qrajt, fhimt u naqbel mad-dokument ta' gwida maħruġ għall-iskema tal-A2E u niddikjara li l-informazzjoni mogħtija fuq din il-formola hija vera u kompluta.

**Firma tar-rappreżentant tal-*Undertaking***

**Isem u Kunjom**

______________________________

**Numru tal- I.D. tar-rappreżentant tal-*Undertaking***

**Data**

**5. Dikjarazzjonijiet – Parteċipant[1]**

a. Jiena hawnhekk niddikjara li rċevejt il-pagi regolarment skont id-dikjarazzjoni ta' min iħaddem kif ukoll skont il-perjodu tal-paga tal-kumpanija.
b. Naqbel u nikkonferma li jkolli d-data personali miġbura u pproċessata minn Jobsplus, u kondiviża ma' partijiet terzi, għall-iskop ta' kwalunkwe proċessar relatat ma' l-Iskema tal-A2E.

**Firma tal-Parteċipant**

**Isem u Kunjom**

______________________________

[1] F'każ ta' terminazzjoni prematura, l-Intrapriża għandha tipprovdi prova li t-tentattivi kollha possibbli saru sabiex it-talba tkun ikkonfermata wkoll mill-parteċipant.

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
*"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"*
Għajnuna parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali